MALTA

# QORTI ĊIVILI

# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-4 ta' Frar 2016

Rikors Maħluf Numru: 2/15 LM

**Cranes and Commercial Sales Limited (C5874)**

**vs.**

**Carmelo Buhagiar (KI 309828M); George Buhagiar (KI 304131M) u b'digriet tal-20 t'April 2015 l-atti ġew trasfużi f'isem Raymond Buhagiar u Anna Darmanin stante l-mewt ta' George Buhagiar; Catherine Buhagiar (KI 459633M); Paola Buhagiar (KI 624422M) u b'digriet tal-Qorti tas-17 t'April 2015 l-atti ġew leġittimati f'isem Paul Buhagiar, Lawrence Buhagiar, Carmelo Buhagiar, Joseph Buhagiar, Grezzju Buhagiar, Alfred Buhagiar, Doris mart Anthony Portelli, John Buhagiar, u Mary mart David Taylor wara l-mewt tal-konvenuta Paola Buhagiar**

**Il-Qorti,**

Permezz ta' din il-kawża, is-soċjetà attriċi **Cranes and Commercial Sales Limited (C5874)** (minn issa "is-soċjetà attriċi") qiegħda titlob lill-konvenuti jwettqu l-wegħda ta' bejgħ li għamlu favuriha permezz ta' konvenju billi jersqu għall-kuntratt ta' bejgħ definittiv.

Il-kawża nfetħet mis-soċjetà attriċi kontra l-konvenuti Carmelo Buhagiar, George Buhagiar, Catherine Buhagiar u Paola Buhagiar (minn issa "il-konvenuti").

Permezz tal-ewwel eċċezzjoni tagħha, ippreżentata fl-04 ta' Frar, 2015, il-konvenuta Catherine Buhagiar eċċepiet in-nullità tar-rikors maħluf billi t-tliet konvenuti l-oħra Carmelo, George u Paola kienu diġà mejtin meta nfetħet il-kawża u s-soċjetà attriċi kienet ġjà konsapevoli bil-mewt ta' Carmelo Buhagiar u Paola Buhagiar peress li kienet parti bħala waħda mill-konvenuti fil-kawża Ċitazzjoni numru 206/1999 AE fl-ismijiet Dominic Zerafa et vs Carmelo Buhagiar et deċiża mill-Prim'Awla fis-6 ta' Ottubru, 2014.

B'rikors ippreżentat fis-16 ta' Frar, 2015, is-soċjetà attriċi ukoll stqarret li l-imsemmija tliet intimati mietu qabel infetħet il-kawża u għalhekk talbet il-leġittimazzjoni tal-atti f'isem il-werrieta tal-imsemmija konvenuti **Paola Buhagiar (Paul Buhagiar, Lawrence Buhagiar, Carmelo Buhagiar, Joseph Buhagiar, Grezzju Buhagiar, Alfred Buhagiar, Doris mart Anthony Portelli, John Buhagiar**, **u Mary mart David Taylor) u Carmelo Buhagiar (uliedu Joseph, Grace mart Joachim Mizzi,**

**Anthony, Mario Buhagiar, Rita mart Samuel Grech, Dolores sive Doreen mart Joseph Zammit, Frederick Buhagiar, Theresa mart Simon Bonnici, Alexander sive Alessio Buhagiar, Carmelo sive Charlie Buhagiar, Anna sive Annie mart Emanuel Enriquez u Concetta sive Connie mart Saviour Zammit, u martu Carolina Buhagiar),** filwaqt li talbet in-nomina ta' kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-eredi mhux magħrufa tal-konvenut l-ieħor George Buhagiar.

B'risposta ppreżentata fl-10 ta' Marzu, 2015 il-konvenuta Catherine Buhagiar wieġbet li kienet iżżomm ferma l-eċċezzjoni tagħha fuq imsemmija u rrilevat li ma kienx hemm lok li jinħatru kuraturi għall-eredità ta' George Buhagiar billi dawn kienu ż-żewġt uliedu Raymond Buhagiar u Anna Darmanin.

B'digriet tal-20 ta' April, 2015, il-Qorti ordnat it-trasfużjoni tal-ġudizzju f'isem dawn iż-żewġt ulied wara rikors tas-soċjetà attriċi tas-17 ta' April, 2015.

B'digriet tas-17 ta' April, 2015 l-atti ġew leġittimati f'isem l-imsemmija werrieta ta' Paola Buhagiar.

Bir-Risposta Maħlufa ppreżentata fit-22 ta' Mejju, 2015 l-imsemmija werrieta ta' George Buhagiar, Carmelo Buhagiar u Paola Buhagiar eċċepew in-nullità tar-rikors ġuramentat għall-istess raġunijiet mogħtija mill-konvenuta Catherine Buhagiar.

Fl-udjenza tat-12 ta' Ottubru, 2015 din il-Qorti ordnat l-allegazzjoni l-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 80/2015 u l-

atti taċ-ċitazzjoni numru 206/1999.

Fl-udjenza tat-30 ta' Novembru 2015 l-avukati difensuri tal-partijiet ittrattaw l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti u l-kawża tħalliet għas-seduta tal-lum għall-provvediment.

**Ikkunsidrat:**

Illi huwa minnu illi skont l-Artikolu 789(1) tal-Kap. 12, l-eċċezzjoni ta' nullità tal-atti ġudizzjarji tista' tingħata, fost każijiet oħrajn, jekk in-nullità hija ddikjarata mil-liġi espressament.

Illi l-liġi tgħid espressament li att ġudizzjarju mressaq kontra persuna li mhix kapaċi toqgħod f'kawża ma jiswiex (l-Artikolu 787(1) tal-Kap. 12); u evidentement persuna mejta ma tistax toqgħod f'kawża. B'danakollu, l-istess Artikolu 789 tal-Kap. 12 jintemm bi proviso li jistipula li eċċezzjoni ta' nullità kif maħsuba f'dan il-każ "ma tkunx tista' tingħata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull dispożizzjoni oħra tal-liġi." Għalhekk tqum il-kwistjoni jekk din in-nullità tistax tissewwa taħt l-Artikolu 175 tal-Kap. 12.

Illi m'għandnix xi ngħidu l-mewt hija l-ġrajja li ġġib fi tmiemha ħajjet il-bniedem u twaqqaf il-kapaċità ġuridika tal-persuna. Għalkemm m'hemm l-ebda norma leġiżlattiva f'dan is-sens, huwa prinċipju magħruf illi l-mewt teskludi għalkollox l-idonjetà tas-suġġett li jġorr drittijiet u dmirijiet. B'danakollu, dan jista' jkollu jeddijiet u dmirijiet li jgħaddu għand il-werrieta, li jassumu l-personalità ġuridika tad-*decujus.*

Kif inhu magħruf, kull persuna tagħmel tajjeb għall-obbligazzjonijiet tagħha bi ħwejjiġha preżenti u futuri. Il-mewt ma ġġibx fi tmiemha din il-garanzija, lanqas jekk ma jkunx hemm werrieta, bħal fil-każ fejn dawn jirrifjutaw il-wirt. Il-patrimonju tal-mejjet jibqa' jagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tal-kredituri. Għaldaqstant, għalkemm mhux persuna ġuridika, il-wirt battal xorta tista' tkun "parti" f'kawża, li tirreferi, fil-lingwaġġ ġuridiku proċesswali, għal dawk li jiftħu l-proċess u għal dawk li jissubixxu l-effetti tiegħu, b'mod li jkunu destinatarji tal-provvedimenti li permezz tagħhom jiżvolġi u jiġi konkluż il-proċess.

> *"La legittimazione processuale è la posizione soggettiva di colui che, essendo titolare del potere di proporre (o di ricevere la proposizione di) una domanda, diviene, in quanto eserciti questo potere, titolare della serie ulteriore dei poteri processuali".* (Cristano Mandrioli, Diritto Processuale Civile, Vol I, Nozioni introduttive e disposizioni generali, paġna 354, para 45).

Fejn ikun hemm il-werrieta, il-proċess ġuridiku, interrott permezz tal-mewt ta' waħda mill-partijiet, kemm jekk tkun attur, kif ukoll jekk tkun konvenut, irid jiġi trasfuż fil-persuna tagħhom. Fejn ikun hemm wirt battal, il-Qorti tista' fuq talba ta' min ikollu interess, taħtar kuratur li:

> *"għandu jeżerċita u jmexxi l-jeddijiet ta' dak il-wirt: hu għandu jwieġeb għat-talbiet ġudizzjarji li jinġiebu kontra l-wirt" (l-Artikolu 904(2) tal-Kodiċi Ċivili).*

Jekk ma jkunx hemm kuratur bħal dan, xorta waħda jista' jkun hemm kuratur maħtur għall-finijiet tal-Artikolu 929 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

> *"Barra mill-każijiet li fihom dan il-Kodiċi jipprovdi espressament għall-ħatra ta' kuraturi, il-qorti tista' wkoll taħtar kuraturi biex jidhru u jiddefendu fil-qrati superjuri jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha superjuri – (a) fl-interess ta'… persuni inċerti li jistgħu jiġu msejħa għal fedekommess jew għal wirt battal li ħadd ma jidher għalih skont il-liġi, jew ta' persuni li 'l quddiem jistgħu jiġu msejħa għal dan il-fedekommess jew wirt".*

Illi l-kwistjoni quddiem din il-Qorti li ġiet imqanqla bl-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti hi jekk kawża istitwita kontra mejjet hijiex nulla, u, jekk it-tweġiba hija fil-pożittiv, tistax din in-nullità tiġi msewwija.

Il-ġurisprudenza stabbiliet li, fil-każ ta' parti li tmut waqt li miexja l-kawża, il-proċeduri jkunu nulli jekk ma ssir il-leġitimazzjoni tal-atti. B'danakollu stabbiliet ukoll li din in-nullità mhix assoluta u qiegħda hemm mhux għall-fini ta' formaliżmu iżda biex tħares il-jeddijiet tal-werrieta, u għalhekk mhix ta' ordni pubbliku. Tista' tiġi mqanqla biss mill-werrieta u lanqas dawn ma jistgħu jqanqluha jekk il-mewt isseħħ wara li l-kawża tkun ġiet differita għas-sentenza.

> *"Huwa, infatti, veru li l-avveniment tal-mewt ta' waħda mill-partijiet meta l-kawża għad mhix konkluża, jopera neċessarjament l-interruzzjoni tal-ġudizzju*[1] *"perchè questo non è possibile senza le parti siano poste in grado di difendersi, ossia di assistervi e di prestarvi il loro contradittorio, e perciò non può riassumersi il giudizio prima che, alla cessazione dell'esistenza del originario contradittore, non si provveda de mediante l'osservanza delle norme fornite dal Codice del Rito, sotto il titolo "Trasfusione del Giudizio"*

---

[1]Ara s-sentenza fl-ismijiet **Ivan Borg pro et noe vs George Aquilina et** [App. Inf. (PS)] deċiża fl-20 ta' Ottubru, 2003.

> *(Kollez. XXXIII.i.732) u li hija ukoll korollarju tal-osservanza tal-proċediment in-nullità tal-atti li saru fil-perijodu interruttiv (Mattirolo Dto. Giud. Civ. Vol III, No Marginali 957)…*

Però l-verità tal-imsemmija prinċipji ma tibqax assoluta meta simili interruzzjoni tavvera ruħha fiż-żmien li l-kawża tkun waslet fl-istat li tista' tiġi ġudikata. Josserva infatti l-Mortara (Proc Civ. Vol. III, n. 683, p. 849):

> *"Quando la trattazione fra le parti e ultimata e dal cerzioramento finale del rapporto non manca più se non l'opera del giudice nell'arbita della funzione sovrana giurisdizionale, l'avven-imento non porta più veruna influenza sulla regolarità della costituzione del processo, o, per dir di meglio, non interrompe lo svolgimento, ne può essere causa di possibile danno per la parte cui esso si riferisce"; u dana l-mument 'è precisamente quello nel quale finita la discussione si differisce per deliberare e redigere su di essi la sentenza' (Mortara op.cit.).*[2]

Il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna abbraċċjat din it-teorija (Kollez. XXVI.i.176; XXXVI.i.195) u marret iktar 'l hemm billi ddikjarat li eċċezzjoni simili mhix assoluta, imma relattiva, u tmiss biss lill-persuna li għandha l-istess interess li kellha l-persuna mejta.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Edgar Galea noe vs Alfred u Gladys Sant Fournier**[3] jingħad kif ġej:

> *"Jeżistu mbagħad deċiżjonijiet li jsostnu illi għalkemm hu veru li l-avveniment tal-mewt ta' waħda mill-partijiet meta l-kawża għad mhix konkluza topera neċessarjament l-interruzzjoni tal-ġudizzju, tali prinċipju ma jibqax hekk assolut meta simili interruzzjoni tavvera ruħha fiż-żmien li l-kawża tkun waslet fl-*

---

[2] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Vincenza Serra vs. Riccardo Serra**, Appell Ċivili, 10 ta' Ġunju 1925,Vol XXVI pl p.176.
[3] App. Inferjuri (PS) deċiża fit-23 ta' Frar, 2005.

> *istat li tiġi ġudikata (Kollez. Vol.XLVIII P II p 858). Jingħad ukoll però li eċċezzjoni simili mhix assoluta, imma relattiva, u tmiss biss lill-persuna li għandha l-istess interess li kellha l-persuna mejta "perche questa eccezzione non era di ordine pubblico, ma accordata unicamente agli eredi e successori del contendente morto" – (**Giuseppe Pace vs Consolata Camilleri**, Appell Civili, 4 ta' Gunju 1923; **Carmela Mallia vs Beatrice Camilleri**, Appell Civili, 21 ta' Ottubru 1988).*

Illi għalhekk hija aċċettata bħala valida sentenza maħruġa kontra mejjet, fiċ-ċirkostanzi fuq imsemmija, basta ma tiġix leża d-difiża tal-konvenut/werriet. Ġaladarba hekk huwa l-każ, minħabba li n-nullità ta' proċeduri ta' kawża li tkun miexja qiegħda hemm mhux bħala att ta' formaliżmu punittiv imma bħala sigurtà lill-konvenut/werriet, loġikament m'għandu jkun hemm xejn xi jxekkel milli l-att promotur tal-kawża, istitwit kontra persuna mejta, jiġi ssanat permezz ta' korrezzjoni opportuna sakemm dejjem jiġu mħarsa d-drittijiet tal-werrieta.

Illi f'dan l-istadju din il-Qorti tħoss li għandha tagħmel ftit riflessjonijiet dwar it-tema tan-nullità tal-atti proċedurali billi spiss qegħdin jitqanqlu eċċezzjonijiet ta' nullità ta' din ix-xorta. Fi kliem Pisanelli, Scialoja u Mancini, Commentario del Codice di Procedura Civile, 1875, Vol I, para. 687,

> *"La parola 'nullità' esprima un vizio, il quale rende un atto inefficace e come non avvenuto. Questo vizio riflette o le persone che v'ebbero parte, essendo dichiarate incapaci dalla legge, o la cosa che costituisce il subbjetto dell'atto, sia perchè dalla legge vietata, sia perchè nella forma dell'atto non approvata. Si suppone che un fatto materiale esista, ma che sia incapace a produrre effetto legali."*

F'każijiet bħal dawn il-Qorti qatt mhi ser tinsa, lanqas għal mument

wieħed biss, li l-iskop aħħari tar-regoli tal-proċedura huwa t-tiftix tal-verità u l-amministrazzjoni retta tal-ġustizzja. Fil-fatt, il-Qrati tagħna fiż-żminijiet moderni ħarsu lejn in-nullitajiet b'favur (Kollez. Vol. XXXIII.ii.204), u, fejn setgħu, dejjem sostnew il-validità tal-atti ġudizzjarji (Kollez. XXXVII.ii.790). In-nullità titqies odjuża u f'każ ta' dubbju, l-att jitqies validu (Kollez. XXXIII.i.134).

Illi "l-espressjoni ta' dak id-Dritt" (il-liġi Rumana) "ma jistax jifforma iktar ir-regola li għandha tiġi segwita" (Kollez. Vol. XXXIII.ii.344). Kienu l-kumpilaturi tal-Kodiċi ta' Proċedura Franċiż li ddistanzjaw ruħhom mir-rigoriżmu u l-formaliżmu tad-Dritt Ruman, billi stabbilew li l-ebda nullità ma kellha tiġi ppronunzjata jekk mhux espressament iddikjarata mil-liġi:

> *"Aucun exploit ou acte de procedure ne pourra être declaré nul, si la nullité n'en est pas formellment prononceé par la loi." (Art. 1030).*

Illi l-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jmur oltre minn hekk, billi jippermetti li ssir korrezzjoni saħansitra meta l-liġi stess timponi espressament in-nullità u l-liġi stess tagħti r-rimedju għat-tiswija.

Illi fil-fatt, il-Kodiċi tal-Proċedura jawtorizza firxa ferm wiesgħa ta' korrezzjonijiet. L-Artikolu 175(1) tal-Kap. 12 jaqra hekk –

> *"Il-qorti tista', f'kull waqt tal-kawża, qabel is-sentenza, wara talba ta' waħda mill-partijiet, wara li tisma' meta jeħtieġ lill-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta' xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jiżdied jew jitneħħa l-isem ta' waħda mill-partijiet u jitqiegħed ieħor floku, jew billi jissewwa żball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru, jew billi jissewwa kull żball ieħor jew billi jiddaħħlu ħwejjeġ oħra ta' fatt jew ta' dritt ukoll permezz ta' nota separata, sakemm sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża."*

Illi fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Dicembru 1994 fil-kawża **Calabrese vs Bigeni** il-Qorti tal-Appell qalet hekk dwar din id-dispożizzjoni –

> *Id-diffikultà li ġeneralment tinħoloq fl-applikazzjoni ta' dan l-artikolu taġġira dejjem madwar din il-limitazzjoni (u cioè 'basta li l-ebda tibdil bħal dan ma jkun biddel fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni'); fil-każ preżenti il-pretensjoni tal-appellanti hi illi t-tibdil ordnat mill-Qorti 'biddel fis-sustanza l-eċċezzjoni';*
>
> *Huwa ovvju li din il-limitazzjoni ma tapplikax meta l-eċċezzjoni tkun proprju tindika l-iżball li jiġi korrett – sakemm dik il-bidla ma tbiddilx is-sustanza tal-azzjoni. Dan huwa ovvju għaliex m'huwiex ġuridikament konformi illi bidla tista' ssir jekk ma ssirx eċċezzjoni imma ma tistax issir jekk tingħata l-eċċezzjoni. Il-qofol qiegħed fil-preċisazzjoni li timporta l-kelma 'fis-sustanza'. Din tindika li kull bidla li ssir trid tkun bidla ta' xi dettall ta' xi ħaġa marġinali imma mhux materja ta' sustanza jew li taffettwa s-sustanza."*

Illi fis-sentenza taghha tal-14 ta' Marzu 1988 fil-kawża **Mirabelli noe vs Gollcher et noe** (Kollez. Vol. LXXII.ii.473), il-Qorti tal-Appell għamlet analiżi tal-oriġini tal-Artikolu 175 tal-Kap. 12 u l-iskop tad-dispożizzjoni. Il-Qorti qalet hekk –

> *"L-artikolu 175 imsemmi jaf l-oriġini tiegħu għal studju akkurat li sar fis-seklu ta' qabel dan meta kien qed jiġi ppreparat il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Fil-fatt il-Kummissjoni ad hoc tal-1848 fuq l-artikolu relattiv (180) fl-abbozz kienu ssuġġerew li fl-atti ġudizzjarji kellha tiġi pprestata attenzjoni kbira għall-isem tal-partijiet u tal-kapacità li fiha kienu jidhru [u dan billi f'dak il-każ il-kwistjoni kienet ċentrata dwar ir-rekwiżiti tal-Art.174(1)(b)] u li kull nuqqas kellu jwassal għan-nullità b'dan però li f'ċerti każijiet fejn il-kwistjoni tkun tqajmet 'in limine litis' il-Qorti kienet awtorizzata tikkoreġi l-iżball;*
>
> *"Sir Andrew Jameson kif jidher mill-'Observations on the Proposed Code of Organisation and Civil Procedure for the Island of Malta (London) 1851 kien objetta li l-artikolu ssuġġerit ma kienx jagħti poteri biżżejjed ampji lill-Qrati biex jiġu evitati inġustizzji u kien*

> *issuġġerixxa li jiġi segwit dak li kien jipprovdi fir-rigward in-New York Code of Procedure li kellu skont hu 'provisions that are so evidently in conformity with reasons and justice';*
>
> *"Fil-fatt l-artikolu 180 ġie 'redrafted' kompletament u għalkemm il-kliem adoperati huma differenti ġie jaqbel fis-sustanza mad-disposizzjoni tal-Kodiċi Amerikan imsemmi;*
>
> *"Tul is-snin dan l-artikolu kif oriġinarjament ippromulgat u kif sussegwentement emendat serva u ġie użat mill-Qrati tagħna biex jiġu evitati dupliċità ta' kawżi u biex jiġi evitat dak il-formaliżmu rigoruż li ħafna drabi kien iwassal għal biex jiġi stultifikat il-kunċett tal-ġustizzja. Però ma wasal qatt u ma ġie qatt użat mill-Qrati tagħna biex tiġi stultifikata l-istess liġi li testwalment tipprojbixxi kull korrezzjoni li tkun talvolta tbiddel is-sustanza tal-azzjoni jew tal-eċċezzjoni".*

Illi fil-kawża **Mirabelli noe vs Gollcher et noe** suċċitata, is-soċjetà attriċi, fiċ-ċitazzjoni tagħha, ħarrket, f'isimha proprju, lis-soċjetà konvenuta, li eċċepiet li ma kellha l-ebda relazzjoni ġuridika magħha. Is-soċjetà attriċi, bla ma talbet korrezzjoni, ippretendiet li l-qorti tal-prim'istanza kellha *motu proprio* tagħmel korrezzjoni fl-okkju fis-sens li kienet surrogata fid-drittijiet ta' terza persuna, minkejja li dan il-fatt ma ġiex imsemmi fiċ-ċitazzjoni. Il-Qorti tal-Appell ċaħdet it-talba tas-soċjetà attriċi billi kieku kellha tagħmel hekk, tkun qiegħda tiġi affettwata fis-sustanza tagħha l-eċċezzjoni msemmija tal-konvenut billi b'dik il-korrezzjoni għal persuna li magħha l-kumpannija konvenuta ma kelliex relazzjonijiet ġuridiċi tkun qiegħda tiġi sostitwita persuna li magħha għandha r-relazzjonijiet. Fi ftit kliem tkun qiegħda tiġi mibdula l-persuna tal-attur u b'dan il-mod tkun qiegħda tiġi affettwata wkoll l-azzjoni fis-sustanza tagħha. Il-kwistjoni ma kinitx waħda ta' sempliċi żball fl-okkju tal-kawża.

Illi kif intqal fis-sentenza **Fenech vs Borg** deċiża fis-27 ta' April, 1956 (Kollez. Vol. XL.ii.778), din id-dispożizzjoni (illum l-Artikolu 175 tal-Kap. 12) ġiet diversi drabi interpretata fis-sens li t-tibdil ma jistax isir jekk il-korrezzjoni taffettwa l-mertu tal-kawża; jew l-eċċezzjonijiet riflettenti l-mertu; diversament, il-qorti, f'każ ta' oppożizzjoni, qatt ma kienet tkun tista' tordna ebda tibdil (Vol. XXIX.iii.261).

Illi fil-każ preżenti, bit-tibdil mill-isem ta' wħud mill-konvenuti għall-werrieta tagħhom m'hemm l-ebda bdil fis-sustanza tal-azzjoni inkwantu l-eredi huma t-titolari tal-istess jeddijiet u obbligi li kellhom id-*dante causa* tagħhom. L-eċċezzjonijiet li setgħu qanqlu l-konvenuti mejta jistgħu faċilment iqanqluhom il-werrieta tagħhom li l-atturi jridu jiċċitaw fil-kawża. Matul is-smigħ tal-kawża, il-konvenuti ma wrewx li sejrin ibatu xi preġudizzju permezz tas-sostituzzjoni tagħhom minflok id-*dante causa* tagħhom.

Illi huwa minnu li, kif issottomettew il-konvenuti, jirriżulta mill-atti taċ-ċitazzjoni numru 206/1999 li s-soċjetà attriċi kienet konsapevoli bil-mewt ta' tlieta mill-konvenuti. M'hemmx dubbju li l-iżball li għamlet is-soċjetà attriċi kien *lapsus calami*. Dan iżda ma jaffettwa bl-ebda mod ir-raġunament ta' din il-Qorti fir-rigward.

**Għaldaqstant, din il-Qorti, għar-raġunijiet premessi, qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-eċċezzjoni tan-nullità mressqa mill-konvenuti fuq imsemmija, b'dan li fil-każ tal-konvenuta Catherine Buhagiar l-eċċezzjoni qiegħda tiġi miċħuda wkoll billi m'għandhiex interess derivat minn dak tat-tliet konvenuti l-oħra deċeduti.**

**Tordna li ssir l-leġitimazzjoni tal-atti f'isem Joseph Buhagiar, Grace mart Joachim Mizzi, Anthony Buhagiar, Mario Buhagiar, Rita mart Samuel Grech, Dolores sive Doreen mart Joseph Zammit, Frederick Buhagiar, Theresa mart Simon Bonnici, Alexander sive Alessio Buhagiar, Carmelo sive Charlie Buhagiar, Anna sive Annie mart Emanuel Enriquez, u Concetta sive Connie mart Saviour Zammit, u Carolina armla ta' Carmelo Buhagiar, wara l-mewt ta' Carmelo Buhagiar.**

**Spejjez a kariku tas-soċjetà attriċi.**

Moqrija

--------------------TMIEM---------------------